MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru. 1039/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**

**Carmelo Vella ta' 49 sena, bin Alfred u Teresa nee` Mizzi, imwieled il-Pieta` fit-13 ta' Gunju 1964, li joqghod fil-font flt. Nru: 9 , Triq il-Qroll, Bugibba u detentur tal-karta ta' l-identita ` bin-numru: 319064(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

A) Talli nhar it-3 ta' Ottubru, 2009, ghal habta tal-5:00 ta' wara nofsinhar, filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla u aktar tard, filwaqt li kien fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, bi vjolenza u b'theddid gieghel lis-Surgenta tal-Pulizija 156 Sonia Parascandolo; l-kuntstabbli tal-Pulizija 1580 Jonathan Paris u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom.

B) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla u aktar tard, filwaqt li kien fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuni tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1580 Jonathan Paris, PC433 Rudolph Mallia u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni mghoti skond il-Ligi mill-Awtorita kompetenti.

C) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla u aktar tard filwaqt li kien l-ghassa ta' Bormla, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-istess tal-kuntiastabbli tal-pulizija 1580 Jonathan Paris, PC433 Rudolph Mallia u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezza` jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.

D) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla, volontarjametn ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli 1580 Jonathan Paris, bhala persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz ublliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skond il-Ligi minn awtorita kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr. Pamela Seychell MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

E) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla, ma obdiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma

halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

F) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla, volontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-partner tieghu Anne Marie Muscat, skond kif iccertifika Dr. Antoine Mifsud mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.

G) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla, volontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Mark Muscat.

H) Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, Bormla, volontarjament, kiser il-Bon-Ordni u l-Paci Pubblika b’ghajjat u glied.

I) W aktar akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt likien fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla, qal kliem oxen, indecent u dagha.

J) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Anne Marie Muscat u Mark Muscat, sabiex jingurjahom, idejjaqhom u taghmlilhom hsara.

K) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Anne Marie Muscat u Mark Muscat, meta pprovoka b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

L) Akkuzat ukoll talli, Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,filwaqt li kien fi Pjazza Gavino Gulia, gewwa Bormla u aktar tard, filwaqt likien fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla, stieden ghall-glied lill-Kuntistabbli tal-Pulizija 1580 Jonathan Paris: PC433 Rudolph Mallia u ufficjali ohra tal-Pulizija.

M) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf li, b’tali imgieba taghom, ser tikkaguna lil haddiehor biza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-18 ta' Dicembru, 2013:

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi mismghuha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuza dwar il-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest mghoti minn din il-Qorti tal-25 ta' Jannar, 2009 billi din l-akkuza diga ghaddiet in gudikat permezz ta' sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' April, 2013.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut u llum rriforma l-imgieba tieghu u lest li jhallas id-danni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 91, 96(a), 95, 221(1), 222(1)(c), 338(ee), 202(h), 221(1)(a), 221, 338(dd)(bb), 339(1)(e), 251A, 251B, 325(1)(b), 49 u 17(b)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat mill-akkuza bl-ittra'O', issibu hati tal-kumplamen u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt

(6)xhur prigunerija li wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tikkundanna lil hati jhallas lil Mark Muscat is-somma ta’ tlett mija u tmienja u sebghin euro u disghin centezmu (€378.90) bhala spejjez peritali u dana fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Anne Marie Muscat ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------